# Il-Pjazza

Vol. 2 • November 2012 • N°6

**Fuljett ta' informazzjoni maħruġ mill-Kunsill Lokali ta' l-Għarb**

*Information leaflet published by the l-Għarb Local Council*

# LEISURE PARK PROJECT - THOMAS CASSAR STREET

Riċentament il-Kunsill Lokali l-Għarb rebaħ proġett li jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' *leisure park* fi Triq Tumas Cassar. Il-Proġett bl-isem '*Diversifying rural tourism offer through leisure sport Activities'* huwa ffinanzjat mill-Axis 3 tal-Progamm Leader li jaqa' taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u mill-Gvern ta' Malta skond ir-regoli tal-programm EAFRD. Is-sejħa għal proġetti kienet imnedija mill-Fondazzjoni Gozo Action Group. Il-proġett b'valur ta' €297,730 ser jinbena fuq art tal-Gvern devoluta lill-Kunsill Lokali l-Għarb. Is-sit jinsab ħdejn l-entratura tal-ground tal-futbol bejn il-ground u Triq Tumas Cassar. Il-permessi tal-Mepa għal dan il-proġett ġa inkisbu, u fil-preżent il-Kunsill qed jaħdem fuq id-diversi offerti relatati mal-proġett biex ix-xogħolijiet ikunu jistgħu jibdew fi ftit gimgħat. Il-proġett jinvolvi fost l-attivitajiet prinċipali tiegħu: L-iżvilupp tas-sit f'kumpless sportiv u rikreattiv għat-turisti u r-residenti ta' kull eta' inkluż familji. Kostruzzjoni ta' stand għall-ispettaturi. Stallazzjoni ta' strutturi ta' avventura u attività għat-tfal u ż-żagħżagħ. Trakka tal-*jogging*. Il-proġett ser jikkontribwixxi biex ikun jista' jiġi offrut prodott turistiku divers u jippromwovi it-tkattir ekonomiku, b'mod partikolari biex jattira turiżmu sezzjonali bħal dak ta' sports u divertiment. Il-proġett ser ikun qed itejjeb il-kwalità tal-ħajja tar-residenti u turisti f'żoni rurali u jippromwovi ħajja b'saħħitha.

***Pjanta tal-Proġett fl-aħħar paġna...***

*The l-Għarb Local Council has recently been granted a project for the creation of a leisure park at Thomas Cassar Street. The project named 'Diversifying rural tourism offer through leisure sport Activities' is part-financed by the Axis 3 of the Leader Programme which fall under the European Union's European Agricultural Fund for Rural Development (EAFRD) and by the Government of Malta, in accordance with the rules of the EAFRD programme. The call for projects was launched by the Gozo Action Group Foundation. The project having a value of €297,730 will be constructed on Government land which is devolved to the l-Għarb Local Council. The site in question is the empty space adjacent to the entrance of the football ground, between the football ground and Thomas Cassar Street. Mepa permits for the project in question are already in hand, and at the moment the Council is working on the procurement aspect related to the project so that the physical works on site may start in a matter of weeks. The project involves the following amongst its main activities: Development of site into a multi-facility sports and recreation area for tourists and locals of all ages including families. Construction of a spectator's stand. Installation of several adventure and activity structures for younger and older children and youths. Development of a jogging track. This project will contribute to diversify the locality's tourism offer and promote economic growth, in particular to attract niche tourism such as sport and leisure segments, as well as to increase the quality of life of residents and tourists of the rural area and to promote healthy lifestyle.*

***Project Plan on last page...***

**L-GĦARB LOCAL COUNCIL**

Visitation Street, l-Gharb GRB 1044, Gozo • Tel: 21560556 • Fax: 21562727 • Email: gharb.lc@gov.mt

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jgħarraf illi sa 10.00am ta' nhar il-Ġimgħa 23 ta' Novembru, 2012 jintlaqgħu offerti għall:-

a) **Project Management u Technical Consultancy** biex jassistu lill-Kunsill fil-Proġett Diversifikazzjoni tat-turiżmu rurali b'attivitajiet sportivi rikreattivi. (Ref: M313-01 Ħlas: €75) b) **Kostruzzjoni u tlestija** ta' *leisure park* (Ref: M313/02 Ħlas: €100)

*Dokumenti tal-offerta u aktar informazzjoni jinkisbu mingħand is-Segretarju Ezekuttiv - Kunsill Lokali l-Għarb. Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta anke l-aktar waħda vantaġġjuża.*

Joanne Apap Attard, *Segretarju Eżekuttiv*

Għarb Local Council notifies that sealed tenders are being recieved till 10.00am, Friday 23rd November, 2012 for the following:-

a) **Project Management and Technical Consultancy** to assist the Council in the project Diversifying Rural Tourism offer through leisure sports activities. (Ref: M313-01 Fee: €75) b) **Construction and finishing** of leisure park (Ref: M313/02 Fee: €100)

*Tender documents and further information can be obtained from the Executive Secretary, l-Għarb Local Council. The Council reserves the right to refuse all offers even the most advantageous.*

Joanne Apap Attard, *Executive Secretary*

**Rural Development Programme for Malta 2007 – 2013**

Axis 3 – *Improving the Quality of Life in Rural Areas*

Contract part-financed by the European Union

The European Agricultural Fund for Rural Development

Co-financing Rate: 75% European Union, 25% Government of Malta

***Europe Investing in Rural Areas***

## IL-FERGĦA POSTALI TAL-LOKALITÀ TIEGĦEK

MaltaPost hija l-kumpanija postali ewlenija f'Malta u għandha preżenza dominati fissuq Malti fejn jidħlu servizzi postali; b'servizz ta' sitt ijiem fil-ġimgħa ta' tqassim ta' posta fid-djar u kumpaniji kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

**Is-Servizzi Postali Offruti fil-Fergħa tal-Għarb:** Il-Fergħa Postali tal-Għarb, li għada kemm tlestiet minn xogħol estensiv ta' tisbieħ u manutenzjoni, hija waħda mill-35 Fergħa tal-Posta madwar il-Gzejjer Maltin. F'din il-Fergħa wieħed jista' jinqeda mis-servizzi postali kollha fosthom bolli għall-pustaġġ kemm għal Malta kif ukoll għal barra,u servizzi tal-courier lokali u dak internazzjonali. Wieħed ukoll jista' japplika għal diversi servizzi bħal dak tal-P.O. Boxes, Redirection of Mail, u kif ukoll għas-servizz tas-SendOn; is-servizz li jħallik tixtri minn ħwienet Ingliżi anki dawk li ma jibgħatux lejn Malta. Minbarra s-servizzi postali, fil-Fergħa tal-Għarb jiġu offruti servizzi finanzjarji bħal tisrif ta' ċekkijiet ta' Sigurta' Soċjali, ħlas ta' kontijiet, money orders u transfers bil-Western Union.

**Prodotti ta' Filatelija:** Prodotti interressanti li wieħed jsib fil-Fergħa tal-Posta tal-Għarb, huma il-prodotti tal-Filateljia. Il-Filatelija ta' Malta tmur lura għas-sena 1860 u l-bolli ta' Malta minħabba li huma sors ta' informazzjoni u kultura, huma apprezzati mad-dinja kollha. Kull ħarġa ta' bolli tkun kumplimentata bl-istationery relatat li jinkludi First Day Covers, Presentation Packs u Folders. Minbarra is-settijiet ta' bolli wieħed jsib ukoll diversi pubblikazzjonijiet bħal "The Malta Stamp Collection"- kollezzjoni limitata li tinkludi kważi il-bolli kollha li nħarġu bejn is-sena 1964 (meta Malta ħadet l-indipendenza) u s-sena l-2004 (dħul ta' Malta bħala membru fl-Unjoni Ewropeja), u prodotti oħra bħal Year Packs u Bolli tal-Fidda.

Aktar informazzjoni fuq il-prodotti u s-servizzi tal-MaltaPost tista' tinkiseb mis-sit maltapost.com jew ikkuntattjana fuq info@maltapost.com jew 2122 4421.

## YOUR LOCAL POST OFFICE

MaltaPost is Malta's leading postal services company, being the sole licensed Universal Service Provider of postal services. The Company has a dominant presence in the Maltese market for all postal services with its six day deliveries per week to all households and businesses in Malta and Gozo, together with the largest retail postal network serving the general public.

**Postal Services available at Għarb Post Office:** MaltaPost has completed the extensive refurbishment project at the Post Office at Għarb. This Post Office is one of the 35 Post Offices located around the Maltese islands, and it offers all postal services including local and foreign postage stamps and courier services. At the Post Office clients may also apply for services such as P.O. Boxes, Redirection of Mail and SendOn; the forwarding service which allows you to shop online from any UK store. At the Post Office is also being offered a range of financial services, such as encashment of Social Security cheques, bill payments, money orders and Western Union transfers.

**Philatelic Products:** Malta's philatelic history goes back to 1860 and, with access to such a rich source of material, Maltese stamps are renowned around the world for their unique depiction of a wide variety of popular themes: history, architecture, art, maritime, flora and fauna to name but a few. Many Maltese stamps are mini reproductions of artwork produced by local artists, and are much sought after by collectors and philatelists, both locally and internationally. Each stamp issue is complemented by its related stationery such as First Day Covers, Presentation Packs and Folders. At the Post Office one may also find a range of publications such as: "The Malta Stamp Collection" this exquisite collection contains almost all the stamps from this period in mint condition issued by the Republic of Malta from the time it declared independence in 1964 through to its EU Accession in 2004, and other products such a Year Packs and Silver Replica Stamps.

More information about MaltaPost products and services is available at maltapost.com or contact us at info@maltapost.com or 21224421.

**L-GĦARB LOCAL COUNCIL**

Visitation Street, l-Gharb GRB 1044, Gozo • Tel: 21560556 • Fax: 21562727 • Email: gharb.lc@gov.mt

Il-Kunsill Lokali l-Għarb javża' li qed jilqa' offerti magħluqa sa 10.00am ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru, 2012 bħala parti mill-proġett ta' konservazzjoni kulturali u turistika tal-Gharb għar-restawr ta' *shelter* fi Pjazza Żjara tal-Madonna (Ref: M323-14) Ħlas għad-dokument tal-offerta: €50.

*Id-dokumenti u aktar informazzjoni jistgħu jinkisbu mill-Kunsill Lokali Għarb. Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta anke l-aktar waħda vantaġġjuża.*

Joanne Apap Attard, *Segretarju Ezekuttiv*

The l-Għarb Local Council notifies that sealed tenders are being recieved till 10.00am of Monday 19th November, 2012 as part of Għarb's cultural and touristic conservation project for the following: Restoration of Shelter at Pjazza Żjara tal-Madonna (Ref: M323-14) Tender Document Fee: €50.

*Relative documents & further information can be obtained from the l-Għarb Local Council. The Council reserves the right to refuse all offers even the most advantageous.*

Joanne Apap Attard, *Executive Secretary*

**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007 – 2013**

Assi 3 – *Titjib tal-Kwalità tal-Ħajja fiż-Żoni Rurali*
Rata ta' Ko-finanzjament: 75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta

**L-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali:**
**L-Ewropa tinvesti f'Żoni Rurali**

**Rural Development Programme for Malta 2007 – 2013**

Axis 3 – *Improving the Quality of Life in Rural Areas*
Co-financing Rate: 75% European Union, 25% Government of Malta

**The European Agricultural Fund for Rural Development:**
**Europe Investing in Rural Areas**

***Open Day* fil-Librerija:** Il-Kunsill Lokali l-Għarb ser jorganizza Open Day fil-Librerija Lokali nhar il-Erbgħa 5 ta' Diċembru, mit-8.30am sa 12.30pm. L-Għan ta' din l-attività huwa li jinkoraġġixxi residenti ta' kull eta' biex jużaw is-servizzi tal-Librerija Lokali. Ser jinżammu wkoll sessjonijiet ta' qari għat-tfal tal-primarja. Matul il-ħinijiet tal-ftuħ wieħed jista' jżur il-librerija, jagħti donazzjonijiet ta' kotba, jinkiteb biex ikun jista' jissellef il-kotba kif ukoll jikseb informazzjoni dwar x'servizzi toffri l-librerija lokali. Din l-attività qed issir fl-okkazjoni ta' Jum il-Librerija imniedi mill-Kunsill Malti tal-libreriji b'kollaborazzjoni mal-Libreriji ta' Malta u l-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impjieg.

**Library Open Day:** On Wednesday, 5th December 2012 the l-Għarb Local Council will be holding a Library Open Day from 8.30am – 12.30pm. The aim of this activity is to encourage residents of all ages to make use of the branch library services. Reading Sessions are going to be held for the Għarb Primary children. During the opening hours one can visit the library, give book donations, apply to start using library services and ask any questions about the library services. This activity is being held as part of the Libraries' Day being organized by the Malta Libraries' Council in collaboration with the Malta Libraries and the Ministry of Education and Employment.

**Show tal-Milied imtella' mill-Kast ta' Dejavù:** Fit-29 ta' Diċembru l-Kunsill Lokali l-Għarb bil-kollaborazzjoni taċ-Ċentru Parrokkjali ser jorganizza Spettaklu tal-Milied imtella' mill-kast tal-programm popolari televiżiv Dejavu. L-ispettaklu ser jinżamm fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali fit-8 ta' filgħaxija. Kulħadd mistieden biex jattendi.




**Christmas Spectacle – Dejavù Christmas Show:** On the 29th of December the l-Għarb Local Council with the collaboration of the Għarb Parish Centre will be organizing a Christmas Spectacle directed by the cast of popular television programme Dejavu. The Spectacle will be held at the Għarb Parish Centre at 8pm. Everyone is invited to attend.

**Ġbir ta' skart ghar-reċiklaġġ fil-Milied u fl-Ewwel tas-Sena:** Il-Kunsill Lokali l-Għarb jixtieq javża' illi peress li din is-sena l-Milied u l-Ewwel tas-Sena ser jaħbtu t-Tlieta meta normalment jinġabru l-boroz tar-reċiklaġġ, għal dawk il-ġimagħtejn biss il-boroż il-griżi ser jinġabru l-Erbgħa 26 ta' Diċembru u l-Erbgħa 2 ta' Jannar. Il-ħin jibqa l-istess.

**Collection of Recycling Waste on Christmas and New Years Day:** The l-Għarb Local Council would like to notify that since Christmas and New Years Day are going to be on a Tuesday which normally is a recycling collection day, for those two weeks only the collection is going to be on Wednesday 26th December and Wednesday 2nd January. The time remains the same.

**Kompetizzjonijiet tal-Milied:** Il-Kunsill Lokali l-Għarb ser ikun qed jorganizza kompetizzjonijiet tal-Milied għall-Isbaħ Presepju u l-Isbaħ Tieqa Imżejna. Ġurija ta' persuni intiżi f'dan il-qasam ser iżuru lil dawk kollha li jidħlu fil-kompetizzjonijiet. Dawk kollha interessati li jipparteċipaw huma ġentilment mitluba sabiex jinkitbu l-Kunsill sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 30 ta' Novembru, 2012.

**Christmas Competitions:** The l-Għarb Local Council will be organizing Christmas Competitions for the Best Crib and the Best Decorated Window. A jury, expert in this sector will be visiting all those competing in these competitions. Those interested in participating are kindly requested to apply at the Council by not later than Friday 30th November, 2012.

**Ħmieġ tal-Klieb:** Il-Kunsill Lokali l-Għarb jixtieq jiġbed l-attenzjoni tar-residenti kollha li m'għandhomx jitħallew klieb jiġġerrew barra mingħajr is-sid u għandu jingħata attenzjoni speċjali sabiex il-klieb ma jħammġux it-toroq u l-bankini tal-lokalità.

**Dogs:** The l-Għarb Local Council would like to request special attention from everyone that dogs are not to be left unattended in the streets and particular attention is to be given so that dogs do not litter in the roads or on pavements.

**L-GĦARB LOCAL COUNCIL**
Visitation Street, l-Gharb GRB 1044, Gozo • Tel: 21560556 • Fax: 21562727 • Email: gharb.lc@gov.mt

Il-Kunsill Lokali l-Għarb javża' lill-pubbliku in-ġenerali li qed jilqa' offerti magħluqa sal-10.00am ta' nhar il-Ġimgħa 23 ta' Novembru, 2012 għas-segwenti:

- Tender 05-12: Tindif u Manutenzjoni tal-latrini pubbliċi fi Triq ta' Pinu.
- Tender 06-12: Tindif u Manutenzjoni tal-latrini pubbliċi fi Triq Trux.

*Dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill għall-ħlas ta' €35 kull dokument. Għal aktar dettalji wieħed għandu jikkuntattja lis-Segretarju Eżekuttiv fuq in-numru 21560556.*

Joanne Apap Attard, *Segretarju Eżekuttiv*

The l-Għarb Local Council notifies the general public that sealed tenders will be received at the Council Administrative Offices up to 10.00am on Friday 23rd November, 2012 for:

- Tender 05-12: Cleaning and Maintenance of Ta' Pinu Public Conveniences.
- Tender 06-12: Cleaning and Maintenance of Trux Street Public Conveniences.

*Tender documents may be collected from the Council's administrative offices against a payment of €35 each document. For further details please contact the Executive Secretary on the Local Council's telephone number.*

Joanne Apap Attard, *Executive Secretary*


LEGEND
Safe surface
Safe surface
Safe surface
Porfido Slabs
Void over lower playground level
LEGEND
122.00 Existing levels to Remain
Proposed Levels
Existing Levels
Yellow - Demolition Proposed
Red - Construction Proposed
The upper and lower play areas have separate entrances and are not interconnected.
LEGEND
Ruscus hypophyllum (Belladonna / Greater butcher's broom)
Salvia officinalis (Salvja / Common sage)
Helichrysum melitense (Sempreviva /Maltese everlasting)
Pinus halepensis (Aleppo pine/Znuber)
Myrtus communis (Myrtle/Rihan)
Prunis dulcis (Lewz/almond)
Tetraclinis articulata (Sandarac Gum Tree) Gharghar) being proposed instead of Existing Casuarina stricta (Drooping she-oak)
Existing Casuarina stricta (Drooping she-oak)
Triq Tumas Cassar
entrance to upper level
124.38
124.58
124.73
121.51
121.53
123.47
accessible for all
ante-room
W.C.
Standing Swing
Play centre
Climber Play Centre
Panel Learning Systems
(accessible for all)
SITE
PROPOSED PLAN (upper level)
1 0 1 2 3 4 5 10 15 20 25 30 35 40m
SCALE 1:200
EDWARD SCERRI
B.E.& A.(Hons.), Dip. (Conservation), A.& C.E., OLJ
Architect and Civil Engineer
Project
GHARB, GOZO
PROPOSED SPORTS LEISURE PARK AT TRIQ TUMAS CASSAR
GHARB LOCAL COUNCIL
PROPOSED PLAN (upper level)
Scale 1:200
3
Date October 2012
Copyright © - Perit Edward Scerri - 19th October 2012